MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH S. REFALO**

Seduta tat-8 ta' Lulju, 2005

Talba Numru. 1880/2004

**Atlas Insurance Limited, kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Patrick Ruggier u l-istess Patrick Ruggier**

**vs**

**Noel Busuttil**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-11 ta' Ottubru, 2004 fejn intqal illi:**

**din hija istanza fejn l-atturi qed jitolbu l-kundanna tal-konvenut ghal risarciment ta' danni fl-ammont ta' tliet mija u sebgha u sebghin lira u tlieta u hamsin centezmu (Lm377.53) [Lm327.53 lis-socjeta' attrici Atlas Insurance Limited u Lm50 lil Patrick Ruggier] minnu kkagunati u minnhom subiti in segwitu ghal**

**incident awtomobilistiku li gara Birkirkara fil-21 ta' Settembru 2003 meta waqt li l-konvenut kien qed isuq vettura Nru.EBI 347 habat mal-vettura Nru.RUG 333, propjeta' tal-attrici Patrick Ruggier u misjuqa minnu, ghal liema incident il-konvenut kien unikament responsabbli minhabba imprudenza, imperizja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti. Oltre l-imsemmija danni, il-konvenut ghandu jhallas l-ispejjez tal-kawza, komprizi dawk tal-ittra ufficjali (b'zewg notifiki) tad-9 ta' Lulju 2004, l-ispejjez tal-ittra ufficjali (b'notifika wahda) prezentata kontestwalment mal-avviz ghan-notifika tal-assikurazzjoni tal-konvenut bl-odjerni proceduri a tenur tal-Kap.104 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll l-imghax legali b'effett mid-9 ta' Lulju, 2004 sad-data tal-effettiv pagament.**

**Ra r-risposta tal-konvenut prezentata fl-10 ta' Dicembru, 2004, fejn intqal:**
**i. Illi t-talba tal-atturi ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra taghhom stante li hi nfondata fil-fatt u fid-dritt u dan peress li t-tort fl-incident in kwistjoni kien tal-attur Patrick Ruggier, minhabba mprudenza, negligenza u inosservanza tar-regolamenti da parti tieghu;**
**ii. Minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ammont mitlub hu eccessiv;**
**iii. salv eccezzjonijiet ulterjuri.**

**Semgha x-xhieda tas-Surgent PS 201 Sandro Magro, u Patrick Ruggier. Ha konjizzjoni tad-dokumenti kollha esebiti u tac-crikostanzi kollha tal-kaz.**

**Ikkunsidra:**
**1. Illi dan il-kaz jirrigwarda kollizzjoni li sehhet fil-21 ta' Settembru, 2003, f'Misrah il-Ferrovija, Birkirkara. Involuti fil-kollizzjoni kienu l-vettura tal-attur numru RUG-333 u dik tal-konvenut EBI-347.**
**2. Jirrizulta li l-attur kien gej minn Qormi Road dahal f'Misrah il-Ferrovija, biex imur lejn "traffic island" biex minn hemm jiehu d-direzzjoni tan-Naxxar. Il-konvenut kien gej minn Fleur De Lys.**

**3. Jirrizulta li l-konvenut baqa' diehel f'Misrah il-Ferrovija, fejn kien hemm l-attur wieqaf, u baqa' diehel gol-vettura tal-attur. Bhala konsegwenza l-attur garrab danni fuq il-genb fuq quddiem, in-naha tal-lemin.**
**4. Il-konvenut ma ressaq ebda provi biex jirribatti dak li qal l-attur.**
**5. mill-provi jirrizulta ampjament pruvat li l-konvenut kien unikament responsabbli ghall-kollizjoni li sehhet, minhabba li ma kienx attent ghat-traffiku li kien hemm f'Misrah il-Ferrovija, u dan meta hu kien diehel fl-istess Misrah il-Ferrovija.**
**6. id-danni jirrizultaw pruvati mid-dokumenti ezebiti.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici, jiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident *de quo* u jikkundannah ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' tliet mija u sebgha u ghoxrin lira u tlieta u hamsin centezmu (Lm327.53), u lil Patrick Ruggier is-somma ta' hamsin lira (Lm50.00), ilkoll bl-imghax legali mid-9 ta' Lulju, 2004 sad-data tal-effettiv pagament.**

L-ispejjez ta' dina l-istanza, komprizi dawk tal-ittra ufficjali (b'zewg notifiki) tad-9 ta' Lulju 2004, u l-ispejjez tal-ittra ufficjali (b'notifika wahda) presentata kontestwalment mal-avviz ghan-notifika tal-assikurazzjoni tal-konvenut, ghandhom kollha jigu sopportati mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------